MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 321/2017 LM

**Emanuel sive Noel Ciantar (K.I. nru. 9373(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**The Ramblers Association of Malta (VO/0024)**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Emanuel sive Noel Ciantar (K.I. nru. 9373(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'] mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] fejn iddeċidiet

ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-assoċjazzjoni **The Ramblers Association of Malta (VO/0024)** [minn issa 'l quddiem 'l-Assoċjazzjoni appellata'] kif ġej:

> *"...tiċħad it-tieni eċċezzjoni iżda tilqa' t-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-Assoċjazjoni konvenuta, tiċħad it-talbiet tal-attur EMANUEL SIVE NOE CIANTAR fir-Rikors tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjeż, għajr għal dawk marbutin mal-ewwel eċċezzjoni."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw allegazzjonijiet allegatament malafamanti u libellużi magħmulin mill-Assoċjazzjoni appellata fil-konfront tal-appellant permezz ta' artikolu li kien ġie ppubblikat f'The Malta Independent on Sunday' fit-30 ta' Ottubru, 2016 intestat *'Fabrication against the Ramblers' Assocation'*.

**Mertu**

3. L-appellant għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' Avviż fis-26 ta' Ottubru, 2017 fejn ħarrek lill-Assoċjazzjoni appellata sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

*"1. Prevja d-dikjarazzjoni illi bħala awtur ta' diversi dikjarazzjonijiet formanti parti mill-eżerċizzju tiegħek ta' dritt ta' risposta taħt il-Liġi ta' l-Istampa li ġew pubblikati f'artikolu ppubblikat f'The Malta Independent on Sunday tal-Ħadd 30 ta' Ottubru 2016 intitolat **'Fabrication against the Ramblers' Association'** (kopja tal-artikolu hawn anness u mmarkat Dok.A), inti mmalfamajt u llibellajt lill-esponent kif ser jiġi ppruvat; u*

*2. Tħallas lill-esponent dik is-somma li din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta jogħġobha tiffissa bħala danni in riparazzjoni*

*tal-malafama li huwa sofra b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija, liema dikjarazzjonijiet kellhom l-għan li jtellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni, l-integrità u unur tiegħu.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

4. L-Assoċjazzjoni appellata eċċepiet is-segwenti:

*"Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attriċi hija kolpita bil-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 32 tal-Kap. 248.*

*Illi fit-tieni lok, l-azzjoni attriċi hija monka għaliex ma ġiex speċifikat b'liema mod l-artiklu in kwistjoni kien malafamanti u libelluż fir-rigward tal-attur.*

*Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost, l-artiklu in kwistjoni bla ebda mod ma kien malafamanti u libelluż u għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju."*

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

*"Ikkunsidrat;*

*L-attur issostni li huwa ġie immalafamat bid-dikjarazzjonijiet li saru mill-Assoċjazzjoni konvenuta, The Ramblers Association of Malta (hawn iktar 'l isfel imsejħa "RAM" jew "l-Assoċjazzjoni konvenuta"), liema dikjarazzjonijiet ġew irrapportati u pubblikati in linea ta'* right of reply *fil-ġurnal* The Malta Independent on Sunday *tal-Ħadd 30 ta' Ottubru 2016 f'artikolu intestat* "Fabrication against the Ramblers' Association"*. Huwa jsostni li dawn id-dikjarazzjonijiet saru biex itellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni, l-integrità u l-unur tiegħu.*

*Il-Qorti fliet il-provi voluminużi u minn xi daqqiet ukoll ripettivi u superfluwi, li ressqu l-partijiet – għaliex din hija azzjoni ta' libell u mhux azzjoni biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' titolu jew servitù fuq proprjetà immobbli - u fehmet illi l-qofol tal-*

*vertenza tikkonċerna l-pretensjoni tal-Assoċjazzjoni konvenuta, kontestata bil-qawwa mill-attur, li l-pubbliku għandu dritt ta' aċċess fuq sit magħruf bħala Tas-Simblija, ġewwa Ħad-Dingli. Fehmet ukoll li dan is-sit jifforma parti minn artijiet magħrufin bħala ta' Wied Ħanżun li jinsabu fil-pussess tal-attur b'kirja agrikola konċessa lilu fl-1993 mid-Dipartiment tal-Artijiet (Tenement 050940), sit li huwa evidentement ta' interess storiku u kulturali għaliex jinsabu fih strutturi medjevali. Kemm hu hekk, jirriżulta li dan is-sit ġie skedat bħala sit ta' Grad 2 u Klassi B mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-2006.*

*L-attur jikkontendi li din l-art ilha fil-pussess tal-familja tiegħu u l-antenati tagħhom għal ġenerazzjonijiet sħaħ u li l-pubbliku ma għandux u ma jistax jingħata drittijiet ta' aċċess fuq l-art mikrija lilu għaliex il-passaġġi huma privati u huma aċċessibbli biss lill-bdiewa li għandhom titolu ta' qbiela fuq dawn l-artijiet fis-Simblija, anke għaliex biex wieħed jidħol f'dan is-sit irid jiftaħ ix-xatba li ilha hemmhekk għexieren ta' snin u li tindika li l-proprjetà hija privata. Jikkontendi wkoll għalhekk illi RAM ma tistax torganizza mixjiet li jgħaddu f'dawn il-passaġġi u fuq il-proprjetà privata tiegħu u tal-familja tiegħu.*

*L-Assoċjazzjoni konvenuta hija organizzazzjoni non-governattiva li għandha bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-protezzjoni tal-kampanja u wirt kulturali u storiku tal-pjażżi u d-dritt tal-pubbliku li jgawdihom. Torganizza wkoll mixjiet fil-kampanja għall-membri tagħha. Kif diġà ngħad, l-Assoċjazzjoni tikkontendi illi l-pubbliku għandu dritt ta' aċċess għas-sit in kwistjoni mhux biss għaliex huwa parti mill-pajsaġġ Malti iżda wkoll għaliex jifforma parti mill-wirt stroriku tal-pajjiż.*

*L-isfond dirett u immedjat ta' din il-kawża ta' libell jinsab f'artikolu ippubblikat fil-ġurnal* The Malta Independent on Sunday *tal-24 ta' Lulju 2016 bit-titolu* "Whistleblower claims discriminatory and selective campaigning linked to Ian Borg". *Għalkemm mhux miktub direttament mill-attur, dan l-artikolu jirrapporta l-perspettiva tiegħu dwar dik li l-attur isejjaħ kampanja kontrih minn RAM u jinsab ibbażat fuq ittra dettaljata li l-attur kien kiteb u bagħat lill-ġurnal* Times of Malta*, ikkupjata wkoll lil* The Malta Independent on Sunday*, liema ittra ġiet ippubblikata fil-ġurnal The Times fit-30 ta' Ġunju 2016.*

*L-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 jikkwota lill-attur jgħid illi l-kampanja ta' RAM biex tikseb aċċess għall-pubbliku fuq il-proprjetà tiegħu, li f'parti minnha hemm kompriż kumpless medjevali u razzett, ġiet istigata minn Dr. Ian Borg meta kien Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli fejn, flimkien ma' RAM, kien xerred għarfien dwar is-Simblija permezz ta' kampanja kontinwa li tgħid li l-pubbliku kellu xi dritt ta' aċċess għal fuq il-proprjetà tiegħu. Dan kollu kien għaddej fl-istess żmien meta RAM kienet qiegħda wkoll tagħmel l-istess xorta ta' kampanja, kampanja li fiha, skont l-attur, l-*

*intervent ta' RAM kienet selettiva għall-aħħar għaliex kien instigat minn Dr. Ian Borg. Staqsa wkoll għalfejn dan l-interess kollu fis-Simblija u fuq postijiet oħra xejn u għamel, fl-istess artikolu, numru ta' mistoqsijiet dwar in-nuqqas ta' reazzjoni da parti ta' RAM f'għadd ta' sitwazzjonijiet oħrajn fosthom Djar il-Bniet u d-*'Dingli Interpretation Centre' *u jikkritika l-fatt illi RAM kienet qed taġixxi b'mod selettiv għaliex f'dawk il-każijiet l-oħra li semma, hija qatt m'għamlet xejn u dan diversament mill-każ tal-proprjetà tiegħu.*

*Il-verżjoni tal-Assoċjazzjoni konvenuta hi illi l-artikolu impunjat tat-30 ta' Ottubru 2016, intestat* "Fabrication Against The Ramblers' Association*", ġie pubblikat bħala dritt għar-risposta għall-artikolu bl-isem* 'Whistleblower claims discriminatory and selected campaign linked to Ian Borg' *li deher* f'The Malta Independent on Sunday *fl-24 ta' Lulju 2016, fejn l-attur ġie kwotat jagħmel numru ta' allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet fil-konfront ta' RAM li fil-fehma tagħha, kienu diffamatorji u kienu jeħtieġu li jiġu mwieġba.*

*L-Assoċjazzjoni konvenuta ssostni li s-siltiet fid-dritt ta' risposta tagħha li ġew identifikati mill-attur bħala diffamatorji, kienu intiżi biex iwieġbu l-allegazzjonijiet tal-attur fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016, fosthom l-allegazzjoni li l-Assoċjazzjoni tmexxi kampanji selettivi u diskriminatorji istigati minn Dr. Ian Borg u li l-kampanja għall-aċċess pubbliku tas-sit storiku tas-Simblija kienet waħda malizzjuża għaliex hija konnessa mal-proġetti tad-*'Dingli Heritage Trail' *u d-*'Dingli Interpretation Centre'.

*Hi indikat is-segwenti siltiet fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 li wieġbet għalihom speċifikatament bid-dritt għar-risposta pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2016:-*

a) Noel Ciantar... is claiming that a campaign by the Ramblers Association... is a case of discriminatory and selective targeting and was instigated by Dr Ian Borg when he was mayor of Dingli.

b) The campaign according to Mr. Ciantar, is intrinsically linked to Mayor Borg's pet projects of the Dingi Heritage Trail and the integral 'Dingli Interpretation Centre'.

c) Mr. Ciantar claims the campaign...is uniquely targeted to his family's property. ... Mr. Ciantar claims that the motives of the campaign are beyond culture or property and that it started off with false claims that Mr. Ciantar's property had been misappropriated, but now evolved into a direct attack on Mr. Ciantar's legal property rights... Mr Ciantar says that this suggests that the campaign was malicious from the start.

d) The motives behind the Ramblers campaign: another 'devious attempt'? In his letter, Mr. Ciantar quotes publicly available documents which show that Dr Borg was at the inception of the campaign against the Ciantars. Mr. Ciantar quotes the

Ramblers in newsletter number 24 of April 2012 telling members that: "The Rabat and Dingli councils have already sought and found our cooperation in this respect regarding the Ta' Baidu and is-Simblija issues".

e) Mr. Ciantar asks, pointing to an answer in a newspaper article back in August 2012, which quoted the Ramblers and Dr. Borg, and in which Dr. Borg had stated that his council wanted to list is-Simblija on the Dingli Heritage Trail and to make the site publicly accessible.

f) Isn't this clear evidence of who sought the cooperation of the Ramblers? Was this a case of using an NGO as a front for yet another 'devious' attempt?

g) Since 2008, Mr. Ciantar claims, the Ramblers have used a section of the media to conduct a campaign with "vitriolic" language alleging that he or his family had misappropriated property at is-Simblija.

h) Mr. Ciantar questions if Dr Borg and the Ramblers will call for public access to Djar il-Bniet.

i) Mr. Ciantar asks the Ramblers what action they have taken about the alleged misappropriation of property at the 'Dingli Interpretation Centre'.

j) Mr. Ciantar asks if the Ramblers and Dr Borg will demand public access to the Callus property and what action Alex Vella of the Ramblers took as a member of the MEPA board to schedule that property.

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tagħmilha ċar li hija mhix sejra f'din l-azzjoni tiddetermina jekk il-pubbliku għandux dritt ta' aċċess o meno fuq l-art mikrija lill-attur u lanqas jekk l-attur għandux titolu validu għall-użu u okkupazzjoni esklussiva ta' din l-art u d-dritt li jimpedixxi lil terzi milli jkollhom aċċess għal dan is-sit. Il-Qorti hija msejħa biex tiddeċiedi biss jekk l-artikolu ppubblikat* f'The Malta Independent on Sunday *fit-30 ta' Ottubru 2016 in linea ta' dritt ta' risposta ta' RAM għall-artikolu li deher fl-istess gazzetta fl-24 ta' Lulju 2016, huwiex libelluż u diffamatorju għall-attur. Għaldaqstant, ma tiffigurax f'dan l-istħarriġ il-kwistjoni la tal-verità o meno tad-dikjarazzjonijiet ippubblikati fl-artikolu oriġinali (tal-24 ta' Lulju 2016) li ta lok għal din id-dritt ta' risposta u (billi jirriżulta li l-editur tal-gazzetta aċċetta li jippubblika d-dritt ta' risposta ta' RAM) lanqas jekk din ir-risposta kif ippubblikata tissodisfax jew hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-liġi jew jekk eżorbitatx il-parametri mfissrin fl-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) (fn. 4 Illum imħassar, permezz tal-Att XI tal-2018).*

*L-indaġni tal-Qorti f'din il-kawża għandha tiffoka esklussivament fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-istqarrijiet impunjati minnu, formanti parti mill-pubblikazzjoni tat-30 ta'*

*Ottubru 2016, huma diffamatorji għall-finijiet tal-Att dwar l-Istampa. Għaldaqstant, bosta mill-provi li ressaq l-attur innifsu biex juri li huwa għandu titolu fuq l-art in kwistjoni, fosthom provi biex juru illi dak li ġie asserit minnu kif riprodott fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 huwa veritier, huma frankament irrilevanti għall-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti f'din l-azzjoni ta' libell.*

*Huwa minnu li din is-saga ma ntemmitx bil-pubblikazzjoni tal-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2016 u jidher li lanqas m'hi ser tintemm bid-deċiżjoni finali f'din il-kawża, iżda l-Qorti tħoss li għandu jiġi senjalat minn issa illi l-fatti supervenjenti għall-pubblikazzjoni impunjata, m'humiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-malafama għaliex il-malafama hija meqjusa li tkun saret bil-fatt tal-pubblikazzjoni nnfisiha u l-fatti eżistenti fiż-żmien tal-istess pubblikazzjoni. Għalhekk, il-Qorti tikkunsidra li l-kontenut tal-Affidavit tal-attur, Dok. X, bl-addendum 'A1' fil-parti intestata "Fatti Ġodda" (fn. 5 Paġni 2 sa 26 tal-addendum.), huwa irrilevanti għall-istħarriġ tagħha f'din il-kawża.*

*Ikkunsidrat;*

*L-ewwel eċċezzjoni tal-Assoċjazzjoni konvenuta ġiet deċiża permezz tas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2019.*

*In kwantu għat-tieni eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tal-Assoċjazzjoni konvenuta, fejn hija sostniet illi l-azzjoni hija "*monka*" għaliex fir-Rikors tal-attur "*ma ġiex speċifikat b'liema mod l-artikolu in kwistjoni kien malafamanti*", din ukoll m'hijiex tajba u għandha tiġi respinta. Dan qed jingħad għaliex fir-rikors li bih tinbeda l-azzjoni quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-liġi fl-Artikolu 171 tal-Kap. 12 teħtieġ biss li dan ikun fih, bħala partikolaritajiet essenzjali, l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti. Il-liġi dwar l-istampa ma teħtieġ ebda rekwiżit ieħor essenzjali fir-rikors li bih tinbeda l-azzjoni ta' libell, b'żieda mar-rekwiżiti appena msemmija.*

*Għalhekk, billi r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 171 tal-Kap. 12 huma lkoll sodisfatti f'dan il-każ, magħdud il-fatt illi l-attur, waqt is-smigħ tal-kawża fisser espressament liem'huma l-istqarrijiet speċifikatament impunjati u r-raġuni għall-allegat malafama, il-Qorti ma tqisx li r-Rikors tiegħu huwa nieqes minn xi partikolarità meħtieġa mil-liġi li tirrendi "*monka*" l-azzjoni, kif tikkontendi l-konvenuta. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni qed tiġi respinta.*

*Ikkunsidrat;*

*Is-siltiet allegatament malafamanti fil-pubblikazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2016 ġew identifikati mill-attur fix-xhieda tiegħu. L-attur iqassam l-allegazzjonijiet li skont hu,*

*jitnisslu minn dawn is-siltiet u li huma diffamatorji fil-konfront tiegħu, fi tliet kategoriji.*

*Sett ta' allegazzjonijiet numru 1:*

*Skont l-attur, is-segwenti brani tal-artikolu impunjat inisslu l-imputazzjoni li huwa għamel fabrikazzjonijiet bl-iskop li jimmalafama lil RAM.*

"With respect to all the other issues mentioned by Mr. Ciantar, one can conclude that he made up all these fabrications and red herrings…"

"The rest of the veritable conspiracy theory spun by Mr. Ciantar consists of a series of insinuations based on a bizarre assortment of unconnected facts…"

"After his latest botched attempt at defaming the Ramblers…"

*Fir-rigward, l-attur jikkontendi illi dawn is-siltiet, meħudin komplessivament, iġiegħlu lill-qarrej jifhem li huwa ffabbrika partijiet mill-istorja li huwa kkomunika lil* The Malta Independent *on Sunday li ġiet pubblikata fl-24 ta' Lulju 2016 u li huwa vvinta stejjer u gideb biex jiddefama lir-RAM.*

*Fit-testimonjanza tiegħu, l-attur isostni illi l-kampanja ta' RAM dwar l-artijiet fis-Simblija kienet bdiet fil-bidu tal-2008 u ssoktat fl-2009, fejn bdiet tagħmel insinwazzjonijiet fil-konfront tiegħu dwar aġir abbużiv u misapproprjazzjoni ta' proprjetà pubblika meta huwa kien jipprova jimpedixxi lir-Ramblers jgħaddu mill-passaġġi ġol-artijiet mikrija lilu, art li fiha għandu wkoll ir-residenza tiegħu u tal-familja tiegħu u ilha okkupata mill-familja tiegħu u l-antenati tagħhom għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Din il-kampanja intensifikat fit-tieni parti tal-2012 (wara n-Newsletter Numru 24 ta' RAM), meta huwa ppublika* feature article *f'*The Sunday Times of Malta *tat-3 ta' Ġunju 2012 biex jiġu ċċarati il-fatti dwar il-proprjetà ta' Ġużeppi Callus li RAM u l-Kunsill Lokali ta' Ħad Dingli kienu qed jikkonfonduha mas-Simblija. In segwitu, Dr. Ian Borg li dak iż-żmien kien is-Sindku ta' Ħad-Dingli, kien qal lill-ġurnal* The Times of Malta *f'artiklu tas-6 ta' Awwissu 2012 bit-titolu* "Bid to open scenic site for public": "He (Dr. Borg) said that the council would like to make the site accessible to the public..." *(fn. 6 Dok. 18).*

*L-attur jisħaq illi RAM hija aġevolata minn Dr. Ian Borg: in sostenn ta' dan jagħmel referenza għal* press release *maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni fil-5 ta' Lulju 2015, bit-titlu "*Stqarrija mis-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza Ewropea 2017 u għall-Fondi Ewropej Ian Borg*" (fn. 7 dok. 20) fejn intqal: "*il-persuna li din il-ġimgħa ressqet każ quddiem il-Kummissioni kontra l-Korruzzjoni - is-Sur Noel Ciantar - huwa l-istess persuna li fil-passat kien ipprova iċaħħad lil ċittadini komuni milli ikollhom aċċess għaż-żona tas-Simblija l/o tar-Rabat. Dr. Borg dakinhar kien ħadem flimkien

ma' NGOs oħra biex dan id-dritt jibqa' mhux mittiefes." *Skont l-attur, l-'NGOs oħra' hija referenza għal RAM għaliex 'Wirt Artna', 'Friends of the Earth' u 'Din l-Art Ħelwa' ma kienux qablu ma' din il-pożizzjoni.*

*Isostni illi l-konnessjoni ta' RAM ma' Dr. Ian Borg tirriżulta wkoll minn xhieda li ta l-istess Dr. Borg quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni fil-każ* ***Noel Ciantar vs Dr. Ian Borg*** *(fn. 8 Dok. 19 u Dok. 23), kif ukoll minn diversi artikoli u intervisti fosthom pubblikazzjonijiet ta' RAM innifisha għamlu diversi kampanji ħorox kontrih fir-rigward tas-sit in kwistjoni kif ukoll diversi allegazzjonijiet foloz fil-konfront tiegħu.*

*L-attur jikkontendi wkoll illi fid-dritt ta' risposta tagħha, RAM tħallat l-artikolu li deher f'*The Malta Independent on Sunday *tal-24 ta' Lulju 2016* ("Whistleblower claims discriminatory and selective campaigning linked to Ian Borg") *kollu f'daqqa biex tagħmel ċaħdiet ġeneriċi u vagi biex twaqqa' l-artikolu fl-intier tiegħu, u b'hekk, bl-użu bl-eżerċizzju tad-dritt ta' risposta, evitat li tikkommetti ruħha dwar domandi li huwa kien għamel fuq każijiet oħrajn.*

*Da parti tagħha, l-Assoċjazzjoni konvenuta tikkontendi illi hija setgħet raġonevolment tqis l-allegazzjonijiet li saru mill-attur fil-konfront tagħha fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016, bħala fabbrikazzjonijiet intiżi biex jagħmlulha l-ħsara, partikolarment il-konnessjoni li għamel l-attur bejn RAM u allegazzjonijiet ta' għemil korrott minn naħa ta' Dr. Ian Borg, liema materji hija ssostni li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin.*

*Ingram Bondin, il-President tal-Assoċjazzjoni konvenuta jispjega fl-Affidavit tiegħu illi wieħed mill-għanijiet ta' RAM huwa li jiġi żgurat l-aċċess għall-kampanja. Dan l-għan hu mniżżel fl-Istatut tagħha* ("To establish and to preserve the right of access to the open countryside and to the coastal zones"*) (fn. 9 3.1.2 tal-Istatut) u għalhekk m'għandhiex bżonn tiġi instigata minn ħadd sabiex tmexxi 'l quddiem kampanji għall-aċċessibilità pubblika. Il-kampanja tagħha sabiex jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għas-Simblija kellha l-bidu tagħha fil-fatt li l-membri tal-għaqda bdew isibu l-aċċess taghhom għas-Simblija ostakolat minn Noel Ciantar u l-familja tiegħu, u mhux għax din ġiet instigata minn Dr. Ian Borg. Sostna illi RAM ilha tuża r-rotta li tgħaddi mis-Simblija sa mit-twaqqif tagħha fl-2006 meta din dehret fuq il-programm tal-mixjiet tagħha u mill-ewwel bdiet tirriskontra problemi ta' aċċess fuq din ir-rotta.*

*Fir-rigward, saret referenza għal pubblikazzjonijiet fosthom artikolu pubblikat f'*The Times *tal-24 ta' Novembru 2006, miktub mill-President ta' dak iz-zmien, Lino Bugeja, intestat* 'Heritage in Peril' *fejn ingħad:-* "Simblija, a medieval site overlooking fertile Wied Ħażrun near il-Qattara (limits of Dingli), with its medieval chapel discovered by the French Professor in 1994, was superbly restored by the Government and other

supporting agencies. Although heavily compensated, some farmers adopt a hostile attitude towards visitors to this idyllic site, as one approaches it with caution and trepidation."

*L-Assoċjazzjoni konvenuta ssostni illi kien proprju hemmhekk li bdiet il-kampanja għall-aċċess pubbliku tas-Simblija u dan ħafna qabel ma daħal fix-xena id-*'Dingli Interpretation Centre' *u tiċħad li hija għandha x'taqsam xejn ma' dan l-*Interpretation Centre *u m'għandha l-ebda interess taġevola lil dan l-istabbiliment.*

*Tiddefendi l-kuntatt u ko-operazzjoni li jkun hemm bejnha u s-Sindki tal-lokalitajiet ta' Ħad-Dingli u r-Rabat fir-rigward, u dan għaliex il-problema kienet waħda komuni iżda bl-ebda mod dan ma jfisser li Dr. Ian Borg instiga il-kampanja ta' RAM in konnessjoni mal-aċċess għall-pubbliku fuq dan is-sit. Kemm hu hekk, hija kienet pubblikament ikkundannat lil Dr. Ian Borg u flimkien ma' diversi NGOs oħrajn, saħansitra talbet għar-riżenja tiegħu fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Ombudsman dwar il-mod kif inħareġ il-permess għall-bini ta' residenza tiegħu fl-inħawi ta' Santa Katerina, ir-Rabat. Iżda għalkemm dan kollu ġara f'Diċembru 2015 (fn. 10 Dok E li juri artiklu mis-sit* [*www.maltatoday.com*](http://www.maltatoday.com) *datat 7 ta' Diċembru 2015), jigifieri madwar sitt xhur qabel ġie ppubblikat l-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 f'*The Malta Independent on Sunday, *l-attur naqas milli jsemmih f'dan l-artikolu, bħalma naqas milli jsemmi wkoll lis-Sindku tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Sandro Craus, li f'Lulju 2011 kien għamel ilment fir-rigward tal-attur mal-Awtorità tat-Turiżmu in konnessjoni mal-kontroll abbużiv tiegħu tas-sit in kwistjoni (fn. 11* "... the Rabat Local Council is utterly disappointed and to date cannot understand how such a historical heritage is being controlled and abused by a private individual. This individual is Mr. Noel Ciantar a resident in the area. The Council has also received reports that large dogs have been released here as well, so no one can pass from this area. Someone has to take action as this heritage cannot be enjoyed by tourists and the Maltese. Even the farmers that have the fields in this area cannot pass from this site."*).*

*Il-konvenuta tisħaq ukoll li hija mexxiet kampanji favur l-aċċess pubbliku mhux biss f'Tas-Simblija iżda f'bosta inħawi tal-pajjiż li jinsabu fir-rotot tagħha, fosthom Fomm ir-Riħ, is-Simblija, Ta' Bajdu u l-Wardija u għalhekk ħasset li l-allegazzjoni tal-attur li hija għamlet kampanja selettiva u diskriminatorja, mhux minnu. Il-fatt illi RAM ma talbitx għal aċċess ta' Diar il-Bniet u l-proprjetà ta' Callus ma jfissirx li tagħmel kampanji selettivi u diskriminatorji: hija għaqda volontarja b'riżorsi limitati u huwa impossibbli li tidħol f'kull kwistjoni ta' access pubbliku li teżisti u billi hija ghandha ir-rotot stabbiliti tagħha fejn torganizza il-mixjiet, huwa għal kollox normali li hija tagħti prijorità lill-problemi ta' aċċess li ssib fuq dawn ir-rotot, fosthom dawk fl-inhawi tas-Simblija.*

*<u>Sett ta' allegazzjonijiet numru 2</u>:*

*L-attur jikkontendi li d-dikjarazzjonijiet segwenti li saru fl-artikolu impunjat, inisslu l-imputazzjoni li huwa kellu sehem f'diversi irregolaritajiet:-*

"Over the years the information panels were removed without trace. On the eve of the last election the marble plaque disappeared as well. A padlock was placed on the door of the medieval chapel, renowned to be the lost Santa Marija ta' Callus. And today the troglodyte cave next to the chapel is full of trash including empty fruit boxes posing a real fire hazard.

Now hardly a fly escapes Noel Ciantar's attention in that area, with his dogs and careful watchout."

"Did he as a self-declared "whistleblower," blow the whistle about these irregularities? How can one be blamed for doubting whether Mr. Ciantar had a hand in it!"

*Fir-rigward, l-attur xehed illi fl-2003 meta huwa kien għamel żmien imsiefer, kienu saru xogħlijiet ta'* preventive maintenance *u ta' konservazzjoni mir-*Restoration Unit *tal-Awtorità tal-Artijiet fuq il-kumpless medjevali (kamra antika u għar), abbażi ta' permess maħruġ mill-Awtorita tal-Ippjanar (fn. 12 Ara dokument datat 2 ta' Ottubru, 2002 (li jirreferi għal file tal-Lands 50940) mibgħut mill-Ministeru tal-Intern li jaqra:* 'Permission is hereby granted to Director Building and Engineering Division, Floriana, to carry out conservation and maintenance works to medieval complex at Wied Ħażrun, Rabat, as shown in the attached plans as countersigned by Mr. Stefan Scotto A&CE on th 28th August, 2002 on the following conditions.*'). Dan il-permess kien soġġett għall-kundizzjoni, fost oħrajn, li x-xogħlijiet kellhom bżonn l-approvazzjoni tad-detentur legali tal-proprjetà (fn. 14 Referenza Dok. JE5, ippreżentat b'nota tas-16 ta' Novembru 2016. Dan hu konfermat minn ħut Paul Ciantar fix-xhieda tiegħu, 12 ta' Lulju 2021) u kien soġġett ukoll f'kull każ għad-drittijiet ta' terzi, ċioe' tiegħu u tal-familja tiegħu, eżistenti fuq is-sit. Sostna illi madanakollu, dawn ix-xogħlijiet ta'* preventive maintenance *saru mingħajr il-kunsens tiegħu għaliex huwa dejjem oġġezzjona li jsiru u qatt ma ta xi awtorizzazzjoni lil ħadd biex jiffirma għan-nom tiegħu (fn. 14 Referenza Dok. JE5, ippreżentat b'nota tas-16 ta' Novembru 2016. Dan hu konfermat minn ħuh Paul Ciatnar fix-xhieda tiegħu, 12 ta' Lulju 2021). Qal ukoll illi f'kull każ, dawn ix-xogħlijiet qatt ma kienu intiżi li jiftħu għall-pubbliku l-artijiet tas-Simblija. Dak iż-żmien, il-kamra kif ukoll l-għar kienu fil-pussess tal-familja tiegħu (fn. 15 L-attur jgħid li huwa trabba f'dawn il-kmamar) u meta l-għerien ġew irrestawrati dawn xorta baqgħu fil-pussess tiegħu u ta' familtu. Il-Gvern kien bena fl-istess art*

*mikrija lilu u lil ħuh,* agricultural stores *li għandhom l-istess qisien tal-għar u l-kamra li hemm fl-istess sit.*

*Wieħed mill-imħażen jokkupah hu filwaqt li l-ieħor huwa okkupat minn ħuh Paul Ciantar. L-ieħor qiegħed fil-pussess ta' Francis Micallef jew ħutu.*

*L-attur xehed illi dawn il-kmamar ġew allokati lilu u lill-familja tiegħu mill-Gvern billi b'effett tar-restawr, kien naqsilhom l-użu liberu tal-kamra l-antika u għalhekk huma riedu kumpens b'użu ta' kamra oħra li jkunu jistgħu jużawha kif iridu huma. Jiċħad illi l-Gvern benielhom dawn il-kmamar biex hu u ħuh joħorġu mill-kmamar l-antiki li ġew restawrati u jirrilokaw fl-*agricultural stores *li nbnew fuq is-sit u jisħaq li huwa mhux qed jitħalla jgawdi dawn l-istrutturi l-ġodda minħabba l-indħil tal-pubbliku fl-art tiegħu.*

*L-attur fisser li l-bieb tal-kamra li fuqu twaħħal katnazz, qabel kien jinqafel bil-muftieħ tant illi l-mekkaniżmu tas-serratura għadu mwaħħal fil-bieb iżda llum dan ma jiffunzjonax għaliex issaddad. Il-katnazz twaħħal qabel kien sar ix-xogħol ta' restawr iżda qabel, il-bieb xorta waħda kien jissakkar bil-muftieħ: din hija l-istess kamra li RAM qed issostni li hija kappella. Jisħaq illi din il-kamra ma għandha x'taqsam xejn ma' Ġużeppi Callus u l-knisja li kellu ddedikata lil Santa Marija u din hija kamra ta' abitazzjoni li fiha trabbew missieru u ħutu u l-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom. Rigward l-għar li kien jintuża minn Francis Micallef, l-attur xehed illi dan ukoll kellu katnazz.*

*Xehed ukoll illi fl-artijiet ta' Wied Ħażrun ma hemm l-ebda kappella, għalkemm hemm xi tip ta' bini u għerien illi setgħu potenzjalment intużaw storikament bħala post ta' kult. Dak li RAM qed issostni li hu kappella, skont l-attur huwa effettivament razzett li kien ilu fil-pussess tal-antenati tiegħu taħt titolu ta' qbiela sa mis-seklu sittax jew sbatax.*

*Fir-rigward tal-kaxxi tal-injam li jinsabu fl-għar, l-attur sostna li dawn jintużaw għall-ħażna ta' prodotti agrikoli u ma jaqbilx illi dawn jistgħu jinħarqu spontanjament. Fir-rigward tal-kelb tiegħu, jgħid illi l-kelb ma kienx hemmhekk biex iżomm għassa mal-kamra u mal-għar; kien liċenzjat skont il-liġi u kellu dritt iżommu fil-proprjetà tiegħu.*

*Xehed ukoll illi meta sar dan ix-xogħol ta' manutenzjoni preventiva fis-sit fl-2003, il-Ministru Francis Zammit Dimech kien daħal ġol-proprjetà tiegħu u waħħal plakka inawgurali tax-xogħol ta' restawr u xi* information panels *mingħajr il-kunsens tiegħu. L-attur ikkonferma li kien neħħa din il-plakka kif ukoll l-*information panels *li kienu twaħħlu fis-sit illegalment, huwa stess, u dan wara li informa lill-awtoritajiet. Ikkonferma wkoll li huwa qatt ma ra lil xi ħadd mill-Fondazzjoni Wirt Artna tagħmel xi xogħol jew tiġġestixxi din il-proprjetà u kienu jmorru jittawlu biss wara li saru x-xogħlijiet ta' restawr fl-2003 bil-pretest illi għandhom* guardianship deed, *liema dokument madanakollu huwa kkonferma li ma jeżistix u ilhom ma jidħlu fil-proprjetà*

*mill-2013. Sostna li l-art bl-istrutturi dejjem baqgħet fil-pussess tiegħu u tal-familja tiegħu.*

*In fine, l-attur fisser illi kien ħa azzjoni huwa stess dwar ix-xogħlijiet li twettqu mir-*Restoration Unit *mingħajr il-kunsens tiegħu u dan meta f'Mejju 2012, huwa kiteb lil entitajiet internazzjonali, u kkopja lill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien dwar ix-xogħol illegali li kien sar fis-sit fil-pussess tiegħu fis-Simblija, filwaqt li fi Frar 2013 kien kiteb lill-MEPA biex javża li kienu saru xogħlijiet illegali u bi ksur tal-artikolu 8 tal-permess fil-proġett tal-2002/2003 fis-sit u talab li kollox jiġi regolarizzat. Jilmenta illi filwaqt li huwa b'hekk ġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar l-irregolaritajiet li messhom raw li ma jsirux u ħa l-passi biex kollox jiġi regolarizzat, RAM akkużatu fl-artikolu impunjat, li wettaq huwa stess dawn l-irregolaritajiet.*

*L-Assoċjazzjoni konvenuta tilqa' għal dan kollu billi ssostni, kif joħroġ mix-xhieda ta' Ingram Bondin, illi s-siltiet ċitati mill-attur jiġu wara għadd ta' paragrafi preċedenti fl-istess artikolu fejn tingħata spjegazzjoni fattwali tal-kwistjoni tas-Simblija, spjegazzjoni bbażata fuq it-tweġibiet li ingħataw għall-Mistoqsijiet Parlamentari 31284 (Dok H) u 31860 (Dok I) tal-Ħdax-il Leġislatura u fuq dokumenti pubbliċi oħrajn. Tisħaq illi is-Simblija huwa sit storiku li jinsab fuq art pubblika, konsistenti f'kappella medjevali, għerien, diversi kmamar, ħitan tas-sejjieħ u forn li jagħmluh nukleju ta' villaġġ medjevali li ġie skedat bħala sit ta' Grad 2 u Klassi B mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-2006 minħabba li s-sit fih bini ta' interess arkitettoniku jew storiku u ta' importanza arkeoloġika li jeħtieġ jiġu preservati. Is-sit tas-Simblija kien ġie restawrat mill-fondi pubbliċi bi spiża ta' Lm20,000, li Lm5,000 minnhom kienu fondi Ewropej li ngħataw taħt l-iskema* "Raphael Project" *u bħala parti minn dawn ix-xogħlijiet, l-għerien ġew imnaddfa biex l-istrutturi jkunu intiżi għall-godiment tal-pubbliku.*

*Tissokta tispjega illi peress li l-bini u l-għerien kienu qegħdin jintużaw mill-familja ta' Ciantar, inbnew żewġ garaxxijiet mill-fondi pubbliċi biex jiġu allokati lil din il-familja ħalli l-istrutturi storiċi jiġu vvakati. Meta s-sit ġie inawgurat lill-pubbliku fl-2003, ġiet installata plakka kommemorattiva fuq il-post flimkien ma' panelli għall-użu tal-pubbliku, biex jgħinu fl-interpretazzjoni tas-sit u sinjali li juru fejn hu l-lok tas-Simblija.*

*Madankollu, il-plakka kommemorativa u l-pannelli ta' informazzjoni ġew imneħħija mill-attur filwaqt illi l-kappella ġiet imsakkra u l-għerien qegħdin jerġgħu jintużaw bħala maħżen agrikoli, minkejja li ntefqu fondi pubbliċi fuq dan is-sit storiku sabiex dan ikun jista' jitgawda mill-pubbliku. Għal RAM, dan huwa skandaluż għaliex ifisser li l-attur spiċċa ħa l-kumpens fil-forma tal-garaxxijiet li nbnewlu u żamm l-għerien storiċi wkoll. Tkompli tisħaq li l-għerien storiċi m'humiex post fejn wieħed jaħżen kaxxi tal-frott tal-injam għaliex jekk il-post jinħakem min-nirien, it-telf f'post ta' importanza nazzjonali bħal dan, ikun inkalkolabbli.*

*Dwar il-mistoqsija li għamlet fl-artikolu tagħha dwar jekk l-attur, Noel Ciantar, bħala* "whistleblower" *saffarx is-suffara li x-xogħol li kien sar spiċċa sparixxa kollu, l-Assoċjazzjoni tikkontendi li din saret b'tingiża umoristika inspirata mill-fatt li l-attur iddeskriva ruħu bħala* "whistleblower" *fl-artikolu oriġinali.*

*Abbażi ta' dan kollu, l-Assoċjazzjoni konvenuta tikkontendi li l-istqarrijiet tagħha, ippubblikati fid-dritt ta' risposta tat-30 ta' Ottubru 2016, kienu raġonevoli.*

*Sett ta' allegazzjonijiet numru 3:*

*L-attur ħassu malafamat bl-allegazzjoni li huwa kapriċċjozament u bla skruplu qiegħed iċaħħad lill-pubbliku minn wirt nazzjonali restawrat b'fondi pubbliċi, li ħa f'idejh art pubblika u qed jagħmel li jrid biha u illi ħa l-liġi b'idejh rigward ta' xi dritt tal-pubbliku li jidħol f'monument nazzjonali. Huwa indika s-segwenti siltiet li skont hu, inisslu dawn l-imputazzjonijiet:-*

"that he is capriciously and unscrupulously barring the public from national heritage that was restored using public funds..."

"...only serves to conceal the ulterior motive/or his attack: that he has arrogated upon himself the right to keep the public away from a National Monument restored using public funds, that he has been allowed to get away with his attitude for so many years, and that he is hoping that people will give up and won't access the site..."

"Unfortunately, Mr. Ciantar's attitude is quite common in Malta where people take over and do as they please upon public land with seeming impunity.

Therefore, it is no wonder that like many others Mr. Ciantar is getting away with it".

*Dwar dan, l-attur xehed illi huwa għandu drittijiet legali fuq l-art in kwistjoni biex jużaha għal skopijiet ta' biedja u agrikoltura, liema drittijiet akkwistahom huwa stess u jew ġew għandu mill-antenati tiegħu. Fir-rigward, ipproduċa diversi dokumenti.*

*L-Assoċjazzjoni konvenuta tiddefendi l-istqarrija tagħha billi tikkontendi li l-attur jipprova jimminimizza l-importanza tas-Simblija bħala sit ta' wirt nazzjonali, meta jinsisti li waħda mill-binjiet li hemm fuq is-sit mhix il-kappella ta' Santa Marija ta' Callus. Għalkemm hija taqbel ma' din il-konklużjoni li wasal għaliha l-attur, tosserva illi s-Simblija hija assi kulturali uniku li jistħoqqlu l-ogħla grad ta' protezzjoni u preservazzjoni. Fir-rigward, tiċċita lir-riċerkatur Dr. Keith Buhagiar fejn qal mhux biss li s-Simblija għandu jkollha post prominenti fuq l-itinerarji li jippromwovu l-assi rurali kulturali tal-pajjiż u li l-pubbliku għandu ikollu aċċess mhux mittiefes għal dan is-sit, iżda wkoll fejn huwa tkellem dwar l-ostilità tal-familja Ciantar lejn kull min jersaq lejn dan il-post fejn anke ġie impedit huwa stess milli jistudja l-kappella u kellu jħassar lezzjoni tal-Arkeologija Medjevali għall-istudenti tal-Università ta' Malta sforz l-*

*attitudni tal-familja Ciantar (fn. 16 Dok. Q. Ara wkoll Dok. JE3. F'dan l-artikolu jissemma wkoll* "the recent closure of country lanes which were for centuries utilised as public access routes into the valley" *– l-attur jiċħad li huwa kellu x'jaqsam mal-egħluq tax-xtabi u jiċħad ukoll li dawn il-passaġġi kienu ilhom sekli sħaħ miftuħin għall-pubbliku. Xhieda tal-attur 7 ta' Ottubru 2020).*

*L-Assoċjazzjoni tisħaq illi huwa fatt illi l-attur ripetutament ostakola lill-membri tagħha u lill-pubbliku in ġenerali milli jużaw il-passaġġi li jgħaddu mis-sit tas-Simblija u qiegħed juża l-kirja agrikola tiegħu biex jostakola id-dritt tan-nies li jgħaddu mill-passaġġi li jwasslu għas-Simblija u b'hekk iżuru il-parti storika tas-sit u ssostni li dan hu abbuż u mhux eżerċizzju ta' dritt.*

*Ikkunsidrat;*

*Din hija azzjoni ta' libell u għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-istqarrijiet li saru mill-Assoċjazzjoni konvenuta fil-konfront tal-attur u li qed jiġu hawnhekk impunjati, humiex diffamatorji a tenur tal-Att dwar l-Istampa u fl-affermattiv, jekk il-konvenuta setgħetx leġittimament tagħmel dawk l-istqarrijiet taħt xi protezzjoni li tagħti l-liġi tal-malafama.*

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza stabbilita taħt il-liġi tal-istampa (Fn. 17 Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) illi biex stqarrijiet jitqiesu bħala diffamatorji, irid jiġi ppruvat li "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*" (fn. 18 **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin)) u li l-allegazzjonijiet ikunu kapaċi jippreġudikaw u jikkaġunaw ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. M'huwiex biżżejjed li jintwera biss li l-istqarrijiet mhux veritieri jew mhux korretti għaliex dawn biex jiġu impunjati b'suċċess bħala diffamatorji, iridu jtellfu jew inaqqsu l-ġieħ u l-istima ta' dak li jkun f'għajnejn soċjetà komposta minn persuni raġonevoli, jew jesponuh għad-disprezz jew mibgħeda.*

*Minn eżami tal-atti, huwa evidenti illi l-pubblikazzjoni impunjata, konsistenti fl-artikolu ppubblikat* f'The Malta Independent on Sunday *fit-30 ta' Ottubru 2016 in linea ta' dritt ta' risposta tal-Assoċjazzjoni konvenuta skont il-liġi tal-istampa li kienet fis-seħħ dak iż-żmien, tikkonsisti fir-reazzjoni tal-istess Assoċjazzjoni għall-allegazzjonijiet li għamel l-attur fil-konfront tagħha direttament. Dawn l-allegazzjonijiet ġew ippubblikati f'artikolu preċedenti li deher fl-istess gazzetta, fl-24 ta' Lulju 2016 fejn l-istess attur ġie rapportat jisfidaha dwar il-motivi wara l-kampanja tagħha għall-ksib ta' aċċess għall-pubbliku fuq is-sit storiku tas-Simblija, kampanja li huwa qal li huwa selettiv u diskriminatorju kif ukoll malizzjuż, u għamel allegazzjonijiet fil-konfront tagħha fosthom, li taġixxi bħala front għal Dr. Ian Borg u*

*li l-kampanja tagħha hija konnessa mal-progetti tad-*'Dingli Heritage Trail' *u d-*'Dingli Interpretation Centre'.

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi għandha raġun l-Assoċjazzjoni konvenuta meta saħqet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi l-attur kellu jistenna reazzjoni u kritika mingħandha wara l-pubblikazzjoni f'gazzetta prominenti tal-allegazzjonijiet u asserzjonijiet li huwa għamel fil-konfront tagħha. Għandha wkoll raġun meta qalet li l-attur ma jistax jitqies li huwa persuna privata għall-fini ta' din l-azzjoni u dan għaliex effettivament, l-attur ħareġ fuq pjattaforma pubblika biex jagħti pubbliċità lill-pożizzjoni tiegħu dwar il-kwistjonijiet fuq l-art tas-Simblija u dan permezz tal-ittra lill-ġurnal* Times of Malta*, kif ukoll permezz tal-pubblikazzjoni tal-artikolu fl-24 ta' Lulju 2016.*

*Fid-deċiżjoni* ***Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagesellschaft m.b.H. v. Austria****, il-Qorti Ewropea riteniet:-*

"(w)hereas the limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians, private individuals lay themselves open to scrutiny when they enter the arena of public debate and then have to show a higher degree of tolerance." *(fn. 19 Ara wkoll* ***Karman v. Russia****, para. 35)*

*Il-Qorti sejra issa tindirizza l-allegazzjoni tal-attur li fid-dritt ta' risposta tagħha l-Assoċjazzjoni għamlet biss ċaħdiet ġeneriċi u vagi u evitat li tikkommetti ruħha dwar id-domandi speċifiċi li huwa kien għamel b'rabta ma' każijiet oħrajn relatati. L-attur xehed illi huwa ħassu aggravat bil-fatt illi meta wieġbet għall-artikolu tiegħu, RAM għamlet caħda kategorika tal-fatti dikjarati f'dak l-artikolu mingħajr ma indirizzat speċifikatament il-mistoqsijiet u l-punti li kien qajjem fl-ittra tiegħu li ġiet sussegwentement ippubblikata f'forma ta' artikolu minn* The Malta Independent on Sunday *fl-24 ta' Lulju 2016. Ilmenta wkoll illi bid-dritt ta' risposta tagħha, RAM għamlet dikjarazzjonijiet li jirreflettu biss il-pożizzjoni tagħha u dan billi kkontradixxiet dak kollu li qal hu u billi mmalafamatu b'allegazzjonijiet inveritieri.*

*Il-Qorti diġà esprimiet ruħha li jaqgħu barra mill-iskop ta' din il-kawża, l-allegazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' konformità tad-dritt ta' risposta għall-ħtiġiet tal-liġi u konsegwentement, mhijiex sejra tieħu qies tal-allegazzjoni tal-attur illi f'dan id-dritt ta' risposta tagħha, RAM evitat li tindirizza l-punti saljenti li huwa kien qajjem fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 (ċioe' li l-kampanja ta' RAM kienet istigata minn Dr. Ian Borg meta kien Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Had-Dingli u n-nuqqas ta' rejazzjoni ta' RAM f'numru ta' sitwazzjonijiet oħra simili.) F'kull każ, dan l-allegat nuqqas bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa malafamanti għall-fini tal-liġi tad-diffamazzjoni.*

*L-abbli avukat tal-Assoċjazzjoni konvenuta argomenta fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva, illi l-azzjoni attriċi għal malafama ma tistax tirnexxi għaliex l-istqarrijiet impunjati m'humiex libellużi. Ġie sottomess fir-rigward illi l-pubblikazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2016 kienet maħsuba u ġiet ippubblikata sewwasew b'risposta għal pubblikazzjoni li saret mill-attur kontenenti allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tagħha. Ġie sottomess ukoll illi f'ċirkostanzi bħal dawn, l-istqarrijiet impunjati, ġaladarba ġew ippubblikati biex l-Assoċjazzjoni konvenuta tabilħaqq tiddefendi r-reputazzjoni tagħha kontra u tirribatti l-allegazzjonijiet skorretti u malafamanti ippubblikati mill-attur, huma permissibbli u ġew ippubblikati leġittimament għaliex saru f'okkażjoni privileġġjata.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi taħt il-liġi tal-malafama huwa prinċipju ben stabbilit illi jekk il-konvenut jirnexxilu juri li l-istqarrija tiegħu ġiet ippubblikata minnu lil persuni interessati b'risposta kontra l-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu, u jirnexxielu juri wkoll li d-dikjarazzjonijiet u sottomissjonijiet ta' opinjoni tiegħu formanti parti minn din l-istqarrija, huma rilevanti għall-materja u saru raġonevolment għad-difiża tiegħu kontra dan l-attakk, l-azzjoni għal malafama ma tistax tirnexxi.*

*Il-Qorti fliet il-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, senjatament l-istqarrijiet identifikati espressament mill-attur, u fil-fehma tagħha huwa manifest illi din il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'ċaħda tal-Assoċjazzjoni konvenuta tal-allegazzjonijiet magħmulin mill-attur fl-artikolu oriġinali tal-24 ta' Lulju 2016 - uħud minnhom li saru f'forma ta' mistoqsija – kif ukoll fi stqarrija tal-pożizzjoni tagħha dwar il-fatti u l-istat tas-sit tas-Simblija u dwar l-okkupazzjoni tas-sit mill-attur. Dan kollu fil-kuntest ta' storja twila ta' diżgwid bejnha u bejn l-attur fuq il-materja tal-aċċess għall-pubbliku għal dan is-sit storiku, diżgwid li ilu jbaqbaq għal diversi snin u jidher li jifforma l-mertu ta' diversi proċeduri legali kif ukoll pubblikazzjonijiet u stqarrijiet pubbliċi oħrajn minn diversi persuni u entitajiet.*

*F'dan l-isfond, il-Qorti taqbel illi l-istqarrijia pubblikata mill-Assoċjazzjoni konvenuta ġiet ippubblikata sewwasew bħala* 'a reply to an attack' *u taqbel magħha wkoll illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija kienet intitolata tirreaġixxi bil-pubblikazzjoni ta' tweġiba għall-attakk li sar mill-attur fil-konfront tagħha,* inter alia *b'rabta mal-iskop allegatament malizzjuż tal-kampanja li tmexxi fir-rigward tas-sit tas-Simblija u l-allegati rabtiet tagħha ma' Dr. Ian Borg.*

*Fil-fatt, kif ingħad, huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza stabbilita in materja ta' diffamazzjoni li jeżistu okkażjonijiet u ċirkostanzi varji fejn dikjarazzjonijiet li jiġu komunikati minn persuni jew gruppi ta' persuni lil persuni oħrajn li jikkondividu interess leġittimu fil-materja, anke jekk dawn jistgħu jitqiesu li huma malafamanti,*

*huma protetti bi privileġġ naxxenti proprju mill-okkażjoni li fihom ikunu saru, sakemm jintwera li teżisti esiġenza raġonevoli għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni, u dan bħala kwistjoni ta' interess pubbliku.*

*Il-ħsieb wara l-għoti ta' privileġġ f'okkażjonijiet simili, ġie mfisser hekk:-*

"… it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest." (*fn. 20* ***Gerhold v Baker*** *1918 HL W.N. 368 CA at 369 – Gatley 14.8 p. 547)*

*Għandu jiġi senjalat illi l-prinċipju ta' dikjarazzjonijiet li jsiru f'okkażjonijiet privileġġjati huwa wieħed li ilu konsistentement jiġi mħaddan u rikonoxxut mill-Qrati Ingliżi u huwa fatt ukoll illi l-Qrati tagħna konsistentement għamlu referenza lill-ġurisprudenza tal-istess Qrati u ġuristi Ingliżi in tema tal-liġi tal-malafama. Dan il-prinċipju jikkonċedi lill-persuna li jħoss li r-reputazzjoni tiegħu ġiet inġustament attakkata bil-pubblikazzjoni ta' imputazzjonijiet malafamanti, il-privileġġ li jwieġeb għall-imputazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu permezz ta' tweġiba li tiġi ppubblikata bħala att ta' leġittima difesa bil-ħsieb li tirribatti l-imputazzjonijiet malafamanti u tattakka l-kredibbilità ta' min beda l-attakk:* ***dan, wara kollox, m'hu xejn ħlief manifestazzjoni*** **par excellence** ***tad-dritt fondamentali tal-libertà tal-espressjoni****.*

***Jingħad ukoll illi f'dawn l-okkażjonijiet, il-privileġġ jgħodd minkejja li t-tweġiba jkun fiha fatti jew imputazzjonijiet foloz jew sottomissjonijiet skorretti purche' t-tweġiba tkun rilevanti għall-okkażjoni, proporzjonata u ssir mingħajr malizzja****.*

*Gatley, in propositu, jgħid hekk:-*

"... a person whose character or conduct has been attacked is entitled to answer such attack, and any defamatory statements he may make about the person who attacked him will be priviledged, **provided they are published bona fide and are fairly relevant to the accusations made**." *(fn. 21 Gatley on Libel and Slander. 2013 Ed. (14.51, p. 596)) (emfasi tal-Qorti)*

*Fir-rigward, Collins jfisser li dan il-privileġġ huwa konċess fl-okkażjoni ta' attakk fuq il-karattru, kondotta jew interessi ta' persuna, fejn dik il-persuna ikollha "...* an interest in responding to that attack in the requisite sense, and those to whom the attack was published have a corresponding interest in receiving the person's response to the attack.*" (fn. 22 Collins On Defamation: Matthew Collins QC, 2014 Ed., 11.22 p. 233)*

*Gatley jagħmel referenza wkoll għal ġurispridenza iktar remota (fn. 23* ***Penton v. Calwell*** *(1945), HCA 51 (1945) 70 C.L.R) li ġiet ċitata b'approvazzjoni fil-każ reċenti* ***Harbour Radio Pty Ltd v. Trad*** *(2012) HCA 44:-*

"The foundation of the privilege is the necessity of allowing the party attacked free scope to place his case before the body whose judgement the attacking party has sought to affect ... The purpose is to prevent the charges operating to his prejudice. It may be conceded that to impugn the truth of the charges contained in the attack and even the general veracity of the attached, may be a proper exercise of this privilege, if it be commensurate with the occasion."

*Din id-difiża ġiet ukoll mistħarrġa iktar reċentement mill-High Court (UK) fid-deċiżjoni reċenti* ***Shakil-Ur-Rahman v. AYR Network Ltd et*** *(fn. 24 Deċiża 2.12.2016, (2016) EWHC 3110 (QB).), fost difiżi oħrajn, fejn għalkemm id-difiża ġiet respinta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dik il-kawża, il-Qorti riteniet illi biex stqarrija allegatament diffamatorja titqies bħala* a reply to an attack*, din trid tkun saret b'risposta għall-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tal-konvenut (fn. 25 Iżda fil-każ li kellha quddiemha, il-kummenti impunjati, li kienu saru f'xandira televiżiva, ma setgħux jiġu interpretati bħala risposta għal attakk għaliex kienu saru b'reazzjoni mhux għal attakk iżda għal proċeduri ġudizzjarji li ġew istitwiti minn terzi u għalhekk, l-unika risposta leġittima fiċ-ċirkostanzi kellha ssir permezz ta' difiża f'dawk l-istess proċeduri u mhux bil-pubblikazzjoni lill-pubbliku in ġenerali ta' stqarrijiet diffamatorji).*

*Huwa wkoll ritenut illi l-persuna li tiddefendi ruħha kontra attakk bħal dan permezz tal-pubblikazzjoni ta' risposta – bħall-Assoċjazzjoni konvenuta fil-każ odjern - tgawdi minn parametri wiesa' fid-difiża tar-reputazzjoni tagħha u hija intitolata li tippubblika risposta robusta anke biex timmina l-kredibbilità ta' min ikun immalafamaha u tista' twieġeb iktar minn darba (fn. 26 Puche' r-risposti jkunu proporzjonati, raġonevoli u rilevanti.)*: "the law does not concern itself with niceties in such matters" *(fn. 27* ***Turner v. MGM Pictures*** *– ċitat f'Gatley, bid. 14.51. p. 597)*.

*Din il-linja ta' difiża hija rikonoxxuta wkoll fl-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tagħha tal-jedd fondamentali sanċit mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, fil-każ* ***Sanocki v. Poland*** *(fn. 28 Deċiż 17.7.2007 App. 28949/03), il-Qorti Ewropea rikonoxxiet id-dritt tal-applikant li jiddefendi ruħu permezz ta' risposta pubblikata fil-midja, kontra attakk konsistenti fil-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' artikoli f'gazzetta lokali bi kritika tal-kondotta tiegħu bħala sindku tal-belt ta' Nysa u b'allegazzjonijiet fost oħrajn ta' amministrazzjoni ħażina ta' fondi pubbliċi. Il-Qorti Ewropea riteniet li l-pubblikatur tal-allegazzjonijiet kellu jistenna reazzjoni mingħand is-soġġett tal-kritika tiegħu u rikonoxxiet illi l-jedd tal-libertà tal-*

*espressjoni ma jeskludix li din ir-risposta tista' tkun fiha wkoll skont il-każ, ċertu doża ta' provokazzjoni u esaġerazzjoni kif ukoll stqarrijiet li huma malafamanti (fn. 29 F'dan il-każ ġie deċiż illi d-deċiżjoni tal-qrati domestiċi li jqisu r-risposta pubblikata mill-applikant bħala diffamatorja, kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jedd protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni).*

*Ikkunsidrat;*

*Applikat dan l-insenjament għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ quddiemha, il-Qorti tosserva illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur ġew ippubblikati mill-Assoċjazzjoni konvenuta espressament bħala dritt ta' risposta skont il-liġi tal-istampa, sewwasew biex tiddefendi ruħha kontra allegazzjonijiet dwar l-aġenda u l-azzjonijiet tagħha fir-rigward tas-Simblija u dan anke billi tipprova timmina l-kredibbilità tal-attur.*

*Jirriżulta wkoll illi dawn l-istqarrijiet ġew ukoll ippubblikati fuq l-istess medium li fuqu ġew ippubblikati l-allegazzjonijiet oriġinali tal-attur: għalhekk, ma jistax jingħad li din ir-risposta ġiet ippubblikata lil persuni li ma kellhomx interess jirċievuha (fn. 30. Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk: "...* a person whose character or conduct has been attacked in the public press is entitled to have recourse to the press in his defence and vindication. If, in answering such attack, he makes relevant defamatory statements about the person who has attacked him, such statements are prima facie privilged.*" Ibid. 14.52. p. 599).*

*Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur huma lkoll rilevanti biex iwieġbu għall-allegazzjonijiet li huwa għamel b'mod pubbliku fil-konfront tal-Assoċjazzjoni konvenuta: il-fatt li l-konvenuta wieġbet b'mod ġeneriku għall-mistoqsijiet li saru mill-attur fil-pubblikazzjoni oriġinali u evitat li tindirizza b'mod speċifiku l-materji msemmija mill-attur, ma jfissirx illi l-istqarrijiet ippubblikati fir-risposta tagħha huma irrilevanti, wisq inqas ifisser li huma malafamanti. Għall-Qorti huwa evidenti li l-pubblikazzjoni in diżamina u l-istqarrijiet speċifikatament impunjati mill-attur, huma maħsuba biex iwasslu u jfissru l-verżjoni kuntrarja tal-Assoċjazzjoni konvenuta dwar l-istatus tas-sit tas-Simblija,* ***b'risposta lill-istess attur dwar l-allegazzjoni tiegħu li l-pubbliku m'għandux ikollu aċċess fis-sit u l-allegazzjoni ulterjuri li hija qiegħda tmexxi kampanja selettiva u malizzjuża fil-konfront tiegħu b'assoċjazzjoni ma' persuni politiċi****.*

*Huwa immaterjali jekk il-konvenuta ma wieġbitx kif ġie mistenni mill-attur u fil-parametri stretti tad-dikjarazzjonijiet espressament magħmula minnu u kif rapportati* f'The Malta Independent on Sunday. *Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-abbli avukat tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet, illi fir-risposta tagħha l-Assoċjazzjoni*

*għamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront tal-attur li m'għandhomx x'jaqsmu mal-materja tas-Simblija u l-vertenza dwar jekk il-pubbliku għandux ikollu aċċess għas-sit.*

*Ma taqbilx lanqas illi l-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 indirizza biss lil Dr. Ian Borg. Għall-Qorti hu evidenti li l-istqarrijiet f'dan l-artikolu huma indirizzata mhux lil Dr. Ian Borg jew lil Dr. Ian Borg biss, iżda wkoll u espressament, lill-Assoċjazzjoni u fihom inifushom jintitolawha twieġeb għal dawn l-allegazzjonijiet.*

*Fir-rigward, issir referenza speċifika għas-segwenti dikjarazzjonijiet fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016, dikjarazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti ma jħallu ebda dubju li huma indirizzati fil-konfront tal-Assoċjazzjoni konvenuta u jisfidaw mhux biss il-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni tas-sit tas-Simblija iżda l-kredibbilità tagħha bħala Għaqda Non-Governattiva:-*

"Mr. Ciantar claims the campaign...is uniquely targeted to his family's property. ... Mr. Ciantar claims that the motives of the campaign are beyond culture or property and that it started off with false claims that Mr. Ciantar's property had been misappropriated, but now evolved into a direct attack on Mr. Ciantar's legal property rights... Mr Ciantar says that this suggests that the campaign was malicious from the start.

...

The motives behind the Ramblers campaign: another 'devious attempt'?

...

Isn't this clear evidence of who sought the cooperation of the Ramblers? Was this a case of using an NGO as a front for yet another 'devious' attempt?

...

Since 2008, Mr. Ciantar claims, the Ramblers have used a section of the media to conduct a campaign with "vitriolic" language alleging that he or his family had misappropriated property at is-Simblija.

*Dawn is-siltiet, fost oħrajn, fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016, jattakkaw b'mod manifest lill-Assoċjazzjoni: tassew fl-ewwel paragrafu tal-istess artikolu, jingħad illi l-attur Noel Ciantar* "is claiming that a campaign by the Ramblers Association attacking his family's legal rights on the property and demanding that he gives public access to his family's farming property, is a case of discriminatory selective targeting and was instigated by Dr. Ian Borg *...".*

*Huwa irrilevanti fil-fehma tal-Qorti li Dr. Ian Borg ma ssemmiex espressament fl-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2016, daqskemm huwa irrilevanti illi l-fatt li Assoċjazzjoni setgħet ma weġbitx speċifikatament għall-mistoqsijiet indirizzati lilha fl-artikolu*

*preċedenti.* ***Hu ovvju li l-ebda risposta b'ċaħda mhi sejra tkun aċċettabbli mill-istigatur tal-iskambju u diversament mill-pubblikatur f'azzjoni għall-pubblikazzjoni tad-dritt ta' risposta, l-attur ma jistax jesiġi illi l-pubblikazzjoni li ssir in linea ta' risposta għal dak li jiġi perċepit bħala attakk, tkun konformi ma' xi*** **standards** ***stabbiliti jew mistennija minnu***. *F'okkażjonijiet bħal dawn, hija l-Qorti li trid tiddetermina jekk id-dikjarazzjonijiet impunjati sarux raġonevolment bħala risposta għal attakk fuq u għad-difiza tar-reputazzjoni tal-konvenut.*

*Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-azzjoni odjerna m'hijiex dik taħt l-artikolu 21 tal-Kap. 248 u għalhekk mhux kompitu ta' din il-Qorti tqis jekk ir-rekwiżiti tal-istess Artikolu 21 biex jiġi mħares id-dritt għall-pubblikazzjoni tad-dritt ta' risposta, ġewx sodisfatti. Din hija azzjoni ta' libell u l-Qorti hija msejħa biex tiddeċiedi jekk il-pubblikazzjoni impunjata, f'dan il-każ il-pubblikazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2016, għandhiex titqies bħala libelluża. F'azzjoni ta' libell, il-parametri tal-istħarriġ li trid tikkonduċi l-Qorti huma ferm iktar wesgħin minn dawk stabbiliti mill-Artikolu 21 tal-Kap. 248 għall-fini tal-pubblikazzjoni ta' dritt ta' risposta u indubbjament, biex pubblikazzjoni li ssir in linea ta' risposta jew reazzjoni għal pubblikazzjoni preċedenti, titqies bħala mhux libelluża u diffamatorja għall-persuna aggravata, il-konvenut m'huwiex meħtieġ jagħmel biss dikjarazzjonijiet ta' fatt jew iwieġeb strettament u limitatament għall-materji espressament imsemmija fil-pubblikazzjoni oriġinali, tant illi jista' jiżvoga fis-sottomissjoni ta' opinjonijiet purche' dawn ikunu raġonevolment meħtieġa biex jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu nnifsu.*

*Collins jiċċita fir-rigward, id-deċiżjoni fil-każ* **Hamilton v. Clifford** *(2004) EWHC 1542 (QB) (fn. 31 Per Eady J. P. 65 – Collins ibid. 11.23, p. 234) fejn ġie ritenut:-*

"The defendant would be entitled to protect his reputation by a proportionate response which was appropriate both in terms of subject matter and scale of publication. In order for a defendant to avail himself of this form of privilege, the response should not go into irrelevant matters or, in particular, cross over into an attack on the integrity of the claimant **if it is not reasonably necessary for defending his own reputation**.*" (emfasi ta' din il-Qorti)*

***L-istqarrijiet impunjati mill-attur f'din il-kawża, kif identifikati fix-xhieda tiegħu, fosthom li huwa vvitna gideb u stejjer, li kkommetta irregolaritajiet u li ħa l-liġi u art pubblika f'idejh, huma kollha fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti, ferm rilevanti għall-okkażjoni u raġonevolment meħtieġa għad-difiża tal-azzjonijiet u l-intenzjonijiet tal-Assoċjazzjoni konvenuta kontra l-asserzjonijiet u allegazzjonijiet li l-istess attur għamel fil-konfront tagħha fl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016****. Għalhekk, in kwantu m'humiex estraneji għat-tema tal-attakk oriġinali, ma tistax titqies li l-istqarrijiet impunjati jeċċedu l-limiti tal-okkażjoni privileġġjata.*

*Kemm hu hekk,* ***ma jirriżultax illi l-Assoċjazzjoni konvenuta għamlet, fl-istqarrijiet impunjati, referenza għal materji li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kwistjoni tas-sit tas-Simblija, il-kampanja tagħha fir-rigward u l-vertenza li għandha mal-attur dwar l-aċċess tal-pubbliku għas-sit in kwistjoni****.*

*F'dan il-każ odjern u wara li eżaminat l-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016 u d-dikjarazzjonijiet impunjati mill-attur formanti parti mill-pubblikazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2016, il-Qorti temmen illi* ***rinfaċċjata bl-artikolu tal-24 ta' Lulju 2016, l-Assoċjazzjoni konvenuta kellha kull interess li tiddefendi l-integrità u l-ġenwinità tal-kampanja u tal-intenzjonijiet tagħha fir-rigward tal-materja tal-aċċess għas-sit storiku tas-Simblija, kif ukoll li tissostanzja l-pożizzjoni tagħha fir-rigward****. Hija tal-fehma wkoll illi l-Assoċjazzjoni setgħet leġittimament tqis il-pubbikazzjoni tal-24 ta' Lulju 2016 bħala attakk fuq il-kredibbilità u r-reputazzjoni tagħha bħala NGO, attakk li kien jeħtieġ risposta biex tirribatti l-allegazzjonijiet magħmula mill-attur u dan anke billi timmina l-kredibbilità tiegħu stess.*

*Huwa wkoll immaterjali li, skont l-attur, bosta mill-asserzjonijiet magħmula fil-pubblikazzjonijiet impunjata, huma skorretti u fattwalment żbaljati, saru* "b'ton dispreġġjattiv" *jew huma l-frott ta' interpretazzjoni żbaljata tal-Assoċjazzjoni konvenuta tad-dikjarazzjonijiet jew il-kliem użati fl-artikolu oriġinali. Il-Qorti tfakkar illi l-ġurisprudenza paċifika in materja tirritjeni illi anke jekk l-istqarrijiet li jsiru fir-risposta għall-pubblikazzjoni ossia "attakk" oriġinali, huma foloz u saħansitra diffamatorji u jakkużaw lill-akkużatur li għamel dikajrazzjonijiet foloz, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala privileġġjati* ***jekk jintwera li dawn kienu b'mod ġenerali konnessi mat-tema tal-attakk u raġonevolment meħtieġa għad-difiża tar-reputazzjoni tal-persuna li twieġeb għall-attakk****.*

*Fil-fatt, Gatley jirreferi għall-każ* ***O'Donoghue v. Hussey*** "(where) it was held that it was a reasonable mode of defence for a person, whose conduct and character had been assailed in a public newspaper, to state publicly that his assailant was known to be a person in the habit of making misstatements*" (fn. 32 Gatley ibid. P. 618 14.68. Vide wkoll* ***Curran v. Scottish Daily Record and Sunday Mail Ltd*** *(2011) CSIH 86; 2012 Rep. L.R. 30).*

*Ukoll:-*

"In such cases no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury." *(fn. 33* ***Hunter v Ward*** *(1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517)*

*In konklużjoni, il-Qorti ma tirravviżax illi fiċ-ċirkostanżi li l-Assoċjazzjoni konvenuta aġixxiet b'malizzja fil-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat u għall-kuntrarju, tqis li l-istqarrijiet impunjati saru in* buona fede *għad-difiża tal-pożizzjoni tagħha bħala NGO fil-vertenza mal-attur dwar il-materja tal-aċċess pubbliku għas-sit tas-Simblija u tal-kredibbilità tal-kampanja tagħha fir-rigward, kampanja li kif rajna ġiet skreditata mill-attur fl-artikolu li istigat il-pubblikazzjoni impunjata minnu.*

*Għaldaqstant, l-istqarrijiet impunjati mill-attur, billi saru raġonevolment għad-difiża tal-konvenuta bħala reazzjoni kontra dak li hija perċepiet, leġittimament, bħala attakk mill-attur fuq il-kredibbilità u r-reputazzjoni tagħha bħala NGO, ma jistgħux jitqiesu li huma diffamatorji u l-azzjoni tal-libell għandha għalhekk tfalli."*

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Diċembru, 2022 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fis-17 ta' Novembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-appellata, tħassarha u tirrevokaha in kwantu laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-appellata u ċaħdet it-talbiet tal-esponenti, u minflok tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni u b'hekk ikunu ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellata, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-esponent, u tagħti kull ordni, direttiva jew provvediment ieħor li jidhrilha xieraq (inkluż li tillikwida hi stess id-danni sofferti mill-esponent jew inkella tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti diversament presjeduta biex tiġi deċiża t-talba għad-danni in prim'istanza), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti (i) is-sentenza appellata hija għal kollox żbaljata stante li tistrieħ fuq prinċipji, jiġifieri dik ta' *reply to an attack,* li ma jagħmlux parti mill-ordinament ġuridiku tagħna; (ii) isegwi li tirriżulta d-diffamazzjoni; (iii) l-ewwel Qorti għalhekk ħarġet 'il hinn mill-parametri tal-azzjoni u ddeċidiet eċċezzjoni li qatt ma saret; (iv) l-Assoċjazzjoni appellata ma setgħetx tinvoka d-difiża jew ġustifikazzjoni li hija kellha xi *qualified privilege* ta'

*reply to an attack* kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Balzan *vs.* Ivan Camilleri**[1]; (v) l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti; (vi) l-ewwel Qorti ttentat tiġġustifika l-prinċipju ta' *a reply to an attack* billi ċitat ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea; (vii) huwa kien ippreżenta prova sostanzjali sabiex juri li r-risposta tal-Assoċjazzjoni appellata kienet mibnija fuq malizzja; u (viii) barra minn hekk, jekk kellu jiġi applikat l-privileġġ ta' *reply to an attack,* il-privileġġ ma kienx wieħed bla limiti.

8. L-Assoċjazzjoni appellata wieġbet fit-18 ta' Mejju, 2023, fejn filwaqt li fissret l-argumenti tagħha, sostniet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma billi l-appell tal-appellant jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-Assoċjazzjoni appellata fit-tweġiba tagħha.

*L-ewwel aggravju:*

> *[is-sentenza appellata hija msejsa fuq prinċipji li ma jsibu l-ebda applikazzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħna u konsegwentement hija żbaljata]*

[1] Rikors Nru. 248/2019 RM, 26.10.2022.

10. L-appellant jikkontendi li s-sentenza appellata hija waħda żbaljata għal kollox għaliex tistrieħ fuq prinċipji li skont hu mhumiex applikabbli fl-ordinament ġuridiku tagħna. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-argument tal-ewwel Qorti li r-risposta għal pubblikazzjoni fejn isir attakk fuq ir-reputazzjoni, għandha titqies bħala *a reply to an attack* u għalhekk koperta minn privileġġ b'mod li ma tista' tirriżulta l-ebda malafama, kif ukoll għal kliem ta' dik il-Qorti fejn qalet li dan il-prinċipju huwa ferm stabbilit fil-liġi tal-malafama, jikkontendi li f'dan kollu hija ma ċċitat l-ebda ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward tal-applikazzjoni tal-imsemmi prinċipju, u jsostni li dan il-prinċipju filfatt ma jinsabx fil-liġi Maltija. Jirrileva li għalkemm is-sentenza appellata tagħmel riferiment u tiċċita diversi awturi u sentenzi Ingliżi, jissottometti li dawn mhumiex applikabbli direttament fl-ordinament ġuridiku tagħna. Għalhekk jgħid li l-argument tal-ewwel Qorti huwa wieħed żbaljat. Jinnega li huwa kien attakka r-reputazzjoni tal-Assoċjazzjoni appellata, iżda jgħid ukoll li jekk dan kien il-każ, hija kellha tassigura li r-risposta tagħha ma tkunx waħda malafamanti fil-konfront tiegħu. B'riferiment għall-artikolu 21 tal-Kap. 248, jissottometti li d-dritt ta' risposta skont il-liġi ma jippermettiex il-malafama, u hawnhekk huwa jagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif diversament ippreseduta, tad-29 ta' Marzu, 2017 fl-ismijiet **The Ramblers Association *vs.* David Lawrence Lindsay** fir-rigward tar-risposta mpunjata f'dawn il-proċeduri. L-appellat jikkontendi li s-sentenza appellata tikkontradixxi dak li jipprovdi għalih l-artikolu 21 tal-Kap. 248, meta l-ewwel Qorti kkunsidrat li r-risposta tista' tkun malafamanti mingħajr konsegwenzi ulterjuri. Għal dak li jirrigwarda s-sentenza tal-istess l-ewwel Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet **Saviour Balzan *vs.* Ivan Camilleri**, fejn dik il-Qorti kienet applikat l-istess

difiża ta' *a reply to an attack,* jissottometti li din tinstab appellata, iżda fi kwalunkwe każ hemm differenzi ta' ċerta portata bejn il-fatti hemmhekk u dawk fil-proċeduri odjerni. Jirrileva li din kienet l-unika sentenza fejn il-prinċipju in kwistjoni kien ġie applikat, iżda fejn ukoll il-każ kien ġie deċiż skont il-Kap. 579, meta dak odjern kien ġie deċiż *ai termini* tal-Kap. 248. Filwaqt li l-appellant jirrileva li l-ewwel Qorti kienet iċċitat sentenzi tal-Qrati Ingliżi in sostenn tal-argument li l-Assoċjazzjoni appellata tgawdi minn privileġġ u saħansitra setgħet ukoll tippubblika materjal malafamanti stante li dan kien jikkostitwixxi *a reply to an attack*, huwa jissottometti li l-Qrati tagħna għandhom qabel xejn japplikaw il-liġi Maltija u mhumiex obbligati li jsegwu l-liġi Ingliża. Jgħid ukoll li huma ma jistgħux jaddottaw b'għajnejhom magħluqin dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza Ingliża, u dan fejn saħansitra l-liġi Maltija mhijiex l-istess. Jikkontendi li l-liġi Maltija hija ċara fejn ma tippermettix il-malafama f'risposta għal pubblikazzjoni. Huwa jagħmel riferiment mill-ġdid għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kap. 248, billi jikkontendi wkoll li dawn ma jagħtux id-dritt assolut lil min iwieġeb sabiex jgħid dak li jogħġbu. Jinsisti li skont dawn id-dispożizzjonijiet, it-tweġiba għandha tieħu l-forma ta' dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni, iżda ma tistax tkun inġurjuża. Isostni li l-ewwel Qorti ma segwitx dan, u għalhekk kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha. L-appellant isostni għal darb'oħra li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 579 ma japplikawx għall-każ odjern, iżda minkejja dan, dak li jipprovdi għalih l-artikolu 15 tal-Kap. 579 huwa simili għall-provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap. 248 għal dak li jirrigwarda d-dritt ta' risposta, fejn din m'għandhiex tkun malafamatorja. Jirrileva wkoll li dawn iż-żewġ liġijiet jagħtu l-opportunità ta' risposta b'mod limitat sabiex b'hekk din hija permessa skont il-Kap. 248, fejn fost raġunijiet

oħrajn hemm "*attakk fuq l-unur, id-dinjità, jew ir-reputazzjoni",* filwaqt li l-Kap. 579 jippermettiha f'każ ta' "*malafama".* Jgħid li madankollu l-ebda liġi minnhom ma tagħti privileġġ għal tweġiba malafamanti. Jirrikonoxxi li r-risposta tal-Assoċjazzjoni appellata mpunjata minnu permezz tal-proċeduri odjerni, saret taħt il-pretensjoni tad-dritt ta' risposta skont il-liġi, u dan għaliex hekk kien hemm indikat fil-gazzetta stess fejn dehret, u anki għaliex dik l-Assoċjazzjoni appellata kienet intavolat proċeduri kontra l-Editur ta' dik il-gazzetta fl-ismijiet **The Ramblers Association *vs.* David Lawrence Lindsay** kif deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati, diversament ippreseduta, fid-29 ta' Marzu, 2017, u jgħid li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata rrikonoxxiet dan. Jikkontendi li għalhekk kellu jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 248, u l-ewwel Qorti ma kellhiex minflok tapplika prinċipji estraneji li huma l-kuntrarju tal-provvedimenti ta' dan l-artikolu. L-appellant hawnhekk jiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza appena suriferita, fejn din fissret id-dritt tar-risposta kif joħroġ mill-artikolu in kwistjoni. Jirrileva li f'dawk il-proċeduri, l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati kienet ċaħdet it-talbiet tal-Assoċjazzjoni appellata u ma kien hemm l-ebda appell mis-sentenza tagħha. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellant isostni li mhux biss dak li jingħad f'risposta mhuwiex privileġġjat skont kif qalet l-ewwel Qorti, iżda lanqas ma tista' tinkiseb il-protezzjoni tal-Qrati ġaladarba din tkun marret kontra l-liġi. Iżid jgħid ukoll li l-pubblikazzjoni mpunjata minnu mhijiex waħda privileġġjata skont l-artikolu 33 tal-Kap. 248, u għalhekk ma tistax teħles mill-effetti tal-liġi. Għal dak li jirrigwarda r-riferiment tal-ewwel Qorti għas-sentenza fl-ismijiet **Saviour Balzan *vs.* Ivan Camilleri** deċiża minnha, u fejn hija kienet applikat il-privileġġ jew difiża tar-*reply to an attack*, filwaqt li jirrileva li l-imsemmija sentenza tinsab soġġetta għal appell, jissottometti li l-ewwel Qorti ma kellhiex

tapplika l-istess prinċipji għaliex l-imsemmi każ kien regolat permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 579, filwaqt li l-azzjoni odjerna saret taħt il-Kap. 248. Jirrileva wkoll li l-pubblikazzjoni mpunjata minnu kienet saret b'mod espress b'eżerċizzju tad-dritt ta' risposta skont il-liġi tal-istampa, iżda fil-każ suċitat il-pubblikazzjoni kienet biss reazzjoni ta' Ivan Camilleri għall-artikolu ppubblikat, u l-ewwel Qorti stess hemmhekk irrikonoxxiet li din ma kinitx tikkostitwixxi dritt ta' risposta. Madankollu jgħid li l-ewwel Qorti m'applikatx l-istess raġunament fil-każ odjern. Jagħlaq billi jissottometti li fl-ewwel lok l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika d-difiża ta' *reply to an attack* stante li din ma tagħmilx parti mil-liġi tagħna, u fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, jekk kellha tiġi applikata skont is-sentenza suċitata, il-fatti tal-kawża odjerna kellhom iwasslu għal deċiżjoni mod ieħor.

11. L-Assoċjazzjoni appellata twieġeb billi tgħid li għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jinsisti fuqu l-appellant, il-prinċipju tat-tweġiba privileġġjata huwa stabbilit kemm fid-dritt komuni Ingliż li fuqu tistrieħ il-liġi Maltija, u huwa anki aċċettat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li s-sentenzi tagħha huma applikabbli hawn Malta wkoll. Hija tiċċita dak li qalet din l-aħħar Qorti fil-każ fl-ismijiet **Melnychuk *v.* Ukraine** deċiż fil-5 ta' Lulju, 2005 u fil-każ fl-ismijiet **Axel Springer AG *v.* Germany** deċiż fis-7 ta' Frar, 2012. Issostni li l-prinċipju in kwistjoni llum sar paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna, u saħansitra sab l-applikazzjoni tiegħu fil-każ fl-ismijiet **Saviour Balzan *vs.* Ivan Camilleri**, fejn il-fatti kienu l-istess bħal dawk odjerni, fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Ottubru, 2022 li tinstab ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri). Tammetti li hawn Malta ma tapplikax id-duttrina tal-i*stare decisis,* iżda tissottometti li dan ma jfissirx li l-ġurisprudenza għandha tiġi skartata.

Tirrileva li għall-kuntrarju s-sentenza fl-ismijiet **The Ramblers Association *vs.* David Lawrence Lindsay** qatt ma saret *res judiciata* stante li fil-mori tal-appell l-leġislatur neħħa l-istitut tal-libell kriminali permezz tal-Att XI tal-2018, u għalhekk il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell stante li din is-sentenza kienet ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tgħid li l-appellant kien wkoll żbaljat meta straħ fuq l-argument li l-artikolu 21 tal-Kap. 248 jistabbilixxi l-parametri tad-dritt tar-risposta. L-Assoċjazzjoni appellata tgħid li madankollu kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, il-kawża odjerna ma saritx taħt dan l-artikolu, u dan jista' jiġi mifhum mill-mod kif huwa miktub il-ftuħ tal-avviż li permezz tiegħu saret il-kawża odjerna. Tissottometti wkoll li l-artikolu 21 tal-Kap. 248 mhuwiex qiegħed jipprovdi dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni ppubblikata bħala dritt ta' risposta, jew iwarrab id-difiża tal-okkażjoni pprivileġġjata, kif qiegħed jikkontendi l-appellant, għaliex minflok dan l-artikolu qiegħed hemm sabiex iħares lill-editur. Dwar l-argument tal-appellant li l-każ odjern huwa regolat mill-Kap. 248, tissottometti li: (a) mit-talba stess u kif ikkonfermat mill-ewwel Qorti, il-kawża odjerna ma saritx taħt l-artikolu 21 tal-Kap. 248; (b) m'hemm xejn fil-liġi tagħna jew f'dik Ingliża jew Ewropea, li jitlob li m'għandux japplika l-prinċipju tal-okkażjoni privileġġjata f'każ ta' *reply to an attack;* (ċ) barra minn hekk, jekk l-artikolu 21 tal-Kap. 248 kellu jitqies li huwa applikabbli, jidher ċar li l-artikolu impunjat kien intiż sabiex jikkontradixxi u jirribatti dak tal-appellant tal-24 ta' Lulju, 2016. L-Assoċjazzjoni appellata tgħid li min dan kollu jirriżulta inekwivoku li l-artikolu 21 tal-Kap. 248 kien intiż sabiex jinibixxi lil persuna milli tinqeda bid-dritt ta' risposta sabiex tippubblika materjal malafamanti, u mhux biex jistabbilixxi x'jikkwalifika bħala malafama jew li

jipprekludi l-istess. Tgħid li huwa l-iskop tal-ligi tal-Istampa li tagħmel dan, u għalhekk kien hemm ġurisprudenza estensiva fir-rigward, anki fejn din tistabbilixxi d-difiża tal-okkażjoni privileġġjata li tapplika għall-każ odjern.

12. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddikjarat li *"[w]ieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-azzjoni odjerna mhijiex dik taħt l-artikolu 21 tal-Kap. 248 ...",* u dan saħansitra fejn l-Avviż intavolat fis-26 ta' Ottubru, 2017 mill-appellant fi żmien li kien għadu fis-seħħ l-istess Kap. 248, jippremetti fl-ewwel lok li *'[p]revja d-dikjarazzjoni illi bħala awtur ta' diversi dikjarazzjonijiet formanti parti mill-eżerċizzju tiegħek ta' dritt ta' risposta taħt il-Liġi tal-Istampa …",* u meħud in konsiderazzjoni li dik l-istess l-ewwel Qorti ftit qabel f'paġna 22 tas-sentenza appellata kkunsidrat li *"... [f]'dan l-isfond, il-Qorti taqbel illi l-istqarrija pubblikata mill-Assoċjazzjoni konvenuta ġiet ippubblikata sewwasew bħala* 'a reply to an attack', *u taqbel magħha wkoll illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija kienet intitolata tirreaġixxi bil-pubblikazzjoni ta' tweġiba għall-attakk li sar mill-attur fil-konfront tagħha...".* Minn dan kollu jsegwi li huma tassew id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 li kellhom jiġu applikati għall-każ odjern, u dak li ntqal fis-sentenza **Saviour Balzan *vs.* Ivan Camilleri** ma jistax ikun rilevanti fil-kuntest odjern, stante li l-fatti f'dawk il-proċeduri kienu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 579 ġaladarba li l-pubblikazzjoni mpunjata kienet saret fit-30 ta' Ottubru, 2019. Kif sewwa qiegħed isostni l-appellant, l-ewwel Qorti ma kellhiex tmur oltre u tapplika liġijiet u ġurisprudenza estera fid-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-partijiet.

13. Tgħid li l-ewwel Qorti kellha tfittex sabiex taċċerta jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-artikolu 21 tal-Kap. 248 kienux ġew imħarsa fid-dikjarazzjoni tal-

Assoċjazzjoni appellata mpunjata mill-appellant sabiex hija titqies li ottemporat ruħha mal-liġi, billi ħarset il-parametri hemm stabbiliti fit-tweġiba tagħha għal dak kollu li qal l-appellant fl-artikolu tiegħu tat-30 ta' Ottubru, 2016. Dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti, tfisser sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Marzu, 2017 fl-ismijiet **The Ramblers Association *vs.* David Lawrence Lindsay**, u l-Qorti tikkondividi pjenament il-pożizzjoni li ħadet dik il-Qorti hemmhekk.

14. Tikkunsidra li fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti saħansitra ħadet konjizzjoni u elenkat dak li l-Assoċjazzjoni appellata ndikat bħala s-siltiet mill-artikolu tal-appellant tal-24 ta' Lulju, 2016 li hija wieġbet għalihom, b'mod partikolari *ai termini* tad-dritt tar-risposta tagħha ppubblikata fit-30 ta' Ottubru, 2016, u li qiegħda tiġi mpunjata mill-appellant permezz tal-preżenti proċeduri. Iżda għamlitha ċara li l-eżerċizzju tagħha ma kienx ser ikun wieħed imsejjes fuq l-artikolu 21 tal-Kap. 248, iżda hija kienet ser tfittex jekk dak li kien qiegħed jilmenta minnu l-appellant kienx wieħed malafamanti għall-fini tal-Att dwar l-Istampa. Dwar dan il-Qorti diġà espremiet il-fehma tagħha iktar 'il fuq. Imbagħad l-ewwel Qorti għaddiet sabiex fissret l-allegazzjonijiet li skont l-appellant huma malafamanti fil-konfront tiegħu. Iżda kif kienet appena espremiet, hija għaddiet sabiex ikkunsidrat jekk l-istqarrijiet tal-Assoċjazzjoni appellata mpunjati mill-appellant kellhomx jitqiesu malafamanti fil-konfront tiegħu u jekk kinitx tgawdi xi protezzjoni taħt il-Liġi. Irrikonoxxiet li skont il-Liġi, huwa prinċipju ferm stabbilit li jekk il-konvenut juri li l-istqarrija tiegħu hija risposta għal pubblikazzjoni fejn ikun sar attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu u li din hija rilevanti għall-materja u saret raġonevolment b'difiża kontra l-imsemmi attakk, l-azzjoni ta' malafama ma setgħetx tirnexxi. Iddikjarat li wara li qrat bir-

reqqa l-artikolu mpunjat, hija kienet qiegħda tikkunsidra li din hija ċaħda tal-Assoċjazzjoni appellata għal dawk l-allegazzjonijiet magħmulin mill-appellant fl-artikolu tiegħu tal-24 ta' Lulju, 2016. Wara li stqarret ukoll li l-artikolu kien ġie ppubblikat bħala *'a reply to an attack',* saħansitra fuq l-istess *medium* li kienu ġew ippubblikati l-allegazzjonijiet oriġinal tal-appellant, u kif dan għalhekk kien igawdi minn ċertu privileġġ kif rikonoxxut mill-Qrati Ingliżi u anki mill-Qrati tagħna u l-Qorti Ewropea, ikkunsidrat li l-Assoċjazzjoni appellata anki jekk wieġbet b'mod ġeneriku permezz tal-istqarrijiet tagħha għall-mistoqsijiet li saru mill-appellant fil-artikolu tiegħu, dawn ma kienux irrilevanti u wisq inqas malafamanti. Qalet li hija ma kinitx taqbel mas-sottomissjonijiet tal-abbli avukat difensur tal-appellant kif imfissra fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-Assoċjazzjoni appellata fir-risposta tagħha kienet għamlet xi allegazzjonijiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni tas-Simblija jew li l-artikolu tal-appellant kien jirrigwarda biss lil Dr Ian Borg, għaliex dawn kienu diretti wkoll lejn l-Assoċjazzjoni appellata li b'hekk kellha dritt twieġeb għalihom. Hawnhekk hija ċċitat siltiet minn dak l-artikolu li fil-fehma tagħha ma kienu jħallu l-ebda dubju dwar dan. Il-Qorti għandha tirrileva hawnhekk li hija ma taqbilx li dak kollu ċitat mill-ewwel Qorti jolqot lill-Assoċjazzjoni appellata, u fil-fehma tagħha wieħed ikun iktar korrett jekk jikkunsidra li l-artikolu mpunjat huwa dirett lejn Dr Ian Borg.

15. Wara li għal darb'oħra qieset li l-proċeduri preżenti mhumiex dawk kontemplati mill-artikolu 21 tal-Kap. 248, iżda azzjoni ta' libel, u għaldaqstant kellu jiġi deċiż jekk il-pubblikazzjoni mpunjata kinitx waħda libelluża, fejn l-istħarriġ mitlub minnha kien wieħed ferm iktar wiesgħa minn dak mitlub mill-artikolu 21 tal-Kap. 248, l-ewwel Qorti ddikjarat li l-istqarrijiet tal-Assoċjazzjoni

appellata li kienu qegħdin jiġu mpunjati mill-appellant skont ix-xhieda tiegħu stess, kienu kollha tassew rilevanti u raġonevolment meħtieġa għad-difiża tagħha. Irrilevat li kien immaterjali dak li kien qed jisħaqq fuqu l-appellant li ħafna mill-asserzjonijiet tal-Assoċjazzjoni appellata kienu skorretti u fattwalment żbaljati, u saru *"b'ton dispreġġjattiv",* jew kienu riżultat ta' frott ta' interpretazzjoni żbaljata tal-Assoċjazzjoni appellata stess. L-ewwel Qorti stqarret li l-ġurisprudenza paċifika f'din it-tema hija li jekk l-istqarrijiet li jsiru fir-risposta huma foloz u saħansitra malafamanti u jakkużaw lill-akkużatur li għamel dikjarazzjonijiet foloz, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala privileġġjati jekk jiġi muri li b'mod ġenerali jirrigwardaw it-tema tal-attakk u li kienu raġonevolment meħtieġa għad-difiża tar-reputazzjoni tal-persuna li qiegħda twieġeb. Ikkonkludiet li fil-fehma tagħha l-istqarrijiet tal-Assoċjazzjoni appellata saru *in buona fede* għad-difiża tal-kredibbilità u r-reputazzjoni tagħha bħala NGO, u ma kellhomx jiġu kkunsidrati li huma malafamanti sabiex b'hekk l-azzjoni ta' libell ma setgħetx tirnexxi.

16. Il-Qorti mhijiex tal-istess fehma. B'riferiment għas-siltiet mill-artikolu oriġinali tal-appellant li ġew riprodotti fis-sentenza appellata, u li skont l-ewwel Qorti l-Assoċjazzjoni appellata kienet indikat li t-tweġiba tagħha kienet proprju ndirizzat l-istess siltiet, tagħraf li dawn huma pjuttost diretti lejn Dr Ian Borg. Il-Qorti qrat b'attenzjoni dawn is-siltiet, u ssib li l-appellant hemmhekk kien qiegħed jinsinwa li Dr Ian Borg kien proprju wara l-kampanja selettiva li saret fil-konfront tiegħu mill-Assoċjazzjoni appellata għall-motivi proprji tiegħu, u dan fejn huwa kien qiegħed juża lill-istess Assoċjazzjoni appellata bħala front ta' saħansitra attentat ieħor makakk fuq il-pussess tiegħu u tal-familja tiegħu fuq is-sit magħruf bħala s-Simblija. Il-Qorti tagħraf li t-tweġiba tal-Assoċjazzjoni

appellata min-naħa tagħha hija pjuttost attakk fuq it-titolu ta' qbiela li l-istess appellant u l-familja tiegħu jgawdu fuq dan is-sit, fejn tisħaq fuq id-dritt tal-aċċess li għandu jgawdi l-pubbliku. Il-Qorti tqis li din l-istess tweġiba ftit li xejn tista' tiġi meqjusa bħala dikjarazzjoni kontradittorja jew spjegattiva għal dak li saħaq fuqu l-appellant fl-artikolu oriġinali tiegħu, u pjuttost l-Assoċjazzjoni appellata wettqet attakk fuq l-appellant fejn għamlet diversi allegazzjonijiet, fosthom li l-artikolu oriġinali tiegħu ttenta jqarraq bil-qarrej, li l-appellant dejjem wera attitudni intimidanti u ta' bbulijar lejn kull min jittenta jidħol fis-sit tas-Simblija, u li huwa gideb, iżda wkoll billi għamlet diversi insinwazzjonijiet fil-konfront tiegħu dwar is-sinjali li kienu għosfru minn fuq is-sit.

17. Għalhekk il-Qorti ssib li mhux biss l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, iżda wkoll it-tieni aggravju tiegħu, fejn jisħaq li ġaladarba jintlaqa' l-ewwel aggravju għandu jsegwi li l-każ ta' malafama għandu jirriżulta.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu limitatament kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet kollha tiegħu billi tiddikjara li l-Assoċjazzjoni appellata permezz tal-pubblikazzjoni mpunjata mill-appellant immalafamatu u llibellatu, u għalhekk għandha tħallas lilu s-somma ta' tliet mitt Euro (€300.00) rappreżentanti danni *ai termini* tal-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa sofra bħala konsegwenza tal-aġir tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-Assoċjazzjoni appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**